MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru 1333/2011

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

James Gauci

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 372876M, akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta’ bejn it-8 ta’ Awwissu, 2011 u ix-xhur u is-snin ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. nhar it-28 ta’ Awissu, 2010 ghal habta ta’ l-4:00 ta’ filghodu f’Marsaskala, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm, jew

issekwestra lil martu Claire Gauci minn Marsaskala kontra il-volonta taghha, jew ta il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata waqt liema arrest, l-imsemmija persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu Claire Gauci minn Marsaskala f'perikolu car, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Claire Gauci minn Marsaskala skond ma iccertifika Dottor Michael Spiteri MD ta' l-Isptar Mater Dei;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, holoq biza' lil martu Claire Gauci minn Marsaskala li ser tintuza vjolenza kontriha, jew kontra l-persuna jew propjeta', ta' dixxendenti, axxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna ohra kif imsemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' martu Claire Gauci minn Marsaskala sabiex jingurjaha, iddejjaqa jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku;

6. nhar it-18 ta' Lulju, 2010 ghal habta ta' nofs in-nhar f'Marsaskala, bla ordni skond il-ligi ta' l-Awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil martu Claire Gauci minn Marsaskala kontra il-volonta taghha, jew ta il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata waqt liema arrest, l-imsemmija persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, holoq biza' lil martu Claire Gauci minn Marsaskala

li ser tintuza vjolenza kontriha, jew kontra l-persuna jew propjeta, ta' dixxendenti, axxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna ohra kif imsemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' martu Claire Gauci minn Marsaskala sabiex jingurjaha, iddejjaqaha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

9. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku;

10. nhar it-8 ta' Awwissu 2011 ghall-habta tan-nofs siegha ta' fil-ghodu fil-fond 82/84, Triq il-Friefet, Marsaskala ingurja u/jew hedded bi kliem lil martu Claire Gauci, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

11. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-kliem lill istess Claire Gauci u ingurjaha bil-kliem li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Claire Gauci, wegghaha bi kliem, gesti jew b'xi mod iehor.

12. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, holoq biza li ser tintuza vjolenza kontra martu Claire Gauci jew kontra l-propjeta' taghha.

13. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

14. matul il-perjodu ta' bejn it-8 ta' Awwissu, 2011 u x-xhur u s-snin ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal pubbliku kkommetta reati li kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba il-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita' skond il-ligi, joghgobha tapplika ukoll il-provedimenti ta' l-Artikoli 383, 384, 385 kif ukoll 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat f’din l-ewwel dehra meta inqrat l-akkuza jirregistra ammissjoni fl-liema huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu jittrattaw vjolenza domestika li jolqtu tlett incidenti separati li sehhew tul perjodu ta’ sena skorruta’. L-imputazzjonijiet ivarjaw minn sekwestru u/jew arrest ta’ martu, li kkagunala feriti ta’ natura hafifa li kkagunala biza, li hebb ghaliha u bi ksur tal-paci u l-bon ordni.

F’din l-udjenza tal-lum dehret mart l-imputat li rrinunzjat ghal kull azzjoni kriminali kontra zewgha safejn rinunzjabbli. Ifisser ghalhekk li l-imputazzjonijiet taht il-paragrafi (b)(d)(h)(j)(k) m’humiex aktar prosegwibbli u fil-konfront taghhom il-Qorti qeghdha tiddikjara procediment esawrit. Jibqa’ ghalhekk ir-reati taht l-Artikolu 86, 87(c), 222(1), 338(dd), u 338(bb) u 141.

Ikkonsidrat li l-imputat kien hawnhekk ghadda minn perjodu depressiv, li sehhet illum is-separazzjoni minnu ma’ martu u li jidher li tilef ukoll xogholu bhala membru tal-pulizija. Fuq kollox martu hafritlu.

F’tali cirkustanzi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 86, 87(c), 221(1), 338(dd), 338(bb), 141, 31, 18, 17(d) tal-Kap 9 hi tal-fehma li jkun aktar gust fic-cirkostanzi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------